# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 52 – IL-ĠIMGĦA 15 TA' FRAR 2013
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fil-10:40am.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku iżda kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill biex jispjega dwar il-finanzi.

**1. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2012)**

1.1 Minħabba li l-accountant tal-Kunsill kien għadu ma wasalx, is-SE ħadet l-opportunità tinforma lill-Kunsill li kienet irċeviet appell mingħand in-Northern Cleaning Company fir-rigward tal-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku.

1.2 Hawnhekk wasal is-Sur Patrick Caruana, l-*accountant* tal-Kunsill. Il-ħin kien 10:45am.

1.3 Is-Sur Caruana għadda kopja tal-*quarterly report* madwar il-mejda u ta spjega qasira.

1.4 Is-Sur Caruana informa li l-Kunsill kien spiċċa b'indikatur finanzjarju tajjeb ħafna (ftit 'il fuq minn 17%) u li jikkorrispondi għal €39,501.

1.5 L-indikatur finanzjarju għall-*end of year* kien ukoll 17% u għaldaqstant spiċċa b'7% aktar milli kien mistenni.

1.6 Il-*quarterly report* għall-perjodu Settembru – Diċembru 2012 ġie approvat unanimament.

**2. APPROVAZZJONI TAL-*END OF YEAR FINANCIAL STATEMENTS* 2012**

2.1 Is-Sur Caruana għadda kopja tal-*end of year financial statements*.

2.2 Is-Sur Caruana informa lill-Kunsill li kif kien spjega qabel, il-Kunsill kien spiċċa s-sena b'mod pożittiv fejn ta rendikont ħafif dwar spejjeż u dħulijiet varji li kien hemm matul is-sena 2012.

2.3 L-*end of year financial statements* 2012 ġew approvati unanimament.

## 3. IL-PJAN TA' TLETT SNIN

3.1 Fuq suġġeriment li twassal waqt il-laqgħa preċedenti, kien hemm qbil li l-accountant kellu jpoġġi l-proġett tar-restawr tal-uċuh tat-torri tal-arloġġ għall-massimu ta' €10,000.

3.2 Il-Pjan ta' Tlett Snin ġie approvat unanimament.

## 4. APPROVAZZJONI TAL-BAĠITT

4.1 Is-Sur Caruana preżenta kopja tal-baġitt għas-sena 2013.

4.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jkun hemm xi tibdiliet żgħar.

4.3 Il-baġitt ġie approvat unanimament skont kif emendat.

4.4 Il-laqgħa spiċċat f'11:50am.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |